# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 7 ta’ Frar, 2025

**Kawża Nur. 1**

**Rik. Nru.281/2016 ISB**

**Wave Bet International Limited**

**(C 27747)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpannija Wave Bet International Limited (C 27747) kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti, diversament preseduta, tal-31 ta’ Ottubru 2016, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inkluż il-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-riċevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati;

Rat l-aħħar rapport minnu mħejji minn fejn jirriżulta illi l-attiv tal-kumpannija xjolta kif irnexxielu jiġbor u jirkupra l-istess riċevitur uffiċjali jammonta għal total ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€177,221.46);

Rat illi l-istess stralċarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnu mħejji u kif dikjarat fin-nota tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2024 ikun approvat għall-finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni, anke jekk in vista tad-digriet mogħti minnha fis-26 ta' Awwissu 2024, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess riċevitur uffiċjali jirriżulta illi ser ikun hemm bilanċ minimu ladarba jitħallas hu;

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija Wave Bet International Limited (C 27747) kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Uffiċjali tal-4 ta' Ottubru 2024, inkluż mill-ħlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat minnha fis-26 ta' Awwissu 2024.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija Wave Bet International Limited (C 27747) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpannija Wave Bet International Limited (C 27747).

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mill-kumpanija rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**